# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju, 2024

**Numru 1**

**Rikors Numru 561/22TA**

**Ledjon Brakaj**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Ledjon Brakaj (ir-rikorrent) tal-20 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:

"Fatti:

1. Illi r-rikorrenti gie mressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti, u dan sabiex il-Qorti tiddeciedi jekk huwa ghandux jintbghat il-Grecja sabiex jigi processat ghar-reat ta' omicidju volontarju, serq aggravat segwit bi vjolenza u hruq b'periklu ghall-hajja, liema reati allegatament sehhew lura fis-sena 2017;

2. Illi fil-mori tal-proceduri quddiem l-Qorti Rimandati, r-rikorrenti talab lil istess Qorti sabiex issir talba lil Awtorita Griegi, sabiex jipprovduha bil-garanziji necessarji li r-rikorrenti mhux se jigi soggett ghal

*inhuman* u *degrading treatment* fil-habs jew habsijiet fejn huwa ser ikun qed jinzamm fl-eventwalita ta' sejbien ta' htija;

3. Illi din it-talba saret, in vista tal-fatt, illi minn ricerka estensiva illi r-rikorrenti ghamel u liema huwa pprezenta quddiem il-Qorti Rimandanti, irrizulta b'mod car illi certi habsijiet Griegi ma jirispettawx id-drittijiet fundamentali tal-bniedem b'mod totali, u filfatt fost fatturi ohra jirrizulta over crowding fic-celel tal-habs u abbuz ta' awtorita da parti tal-Pulizija.

4. Illi minkejja dan, dawn il-garanziji qatt ma waslu pero l-Qorti Rimandanti xorta procediet bid-decizjoni taghha;

5. Illi r-rikorrenti, ssoleva wkoll lanjanza kostituzzjonali in kwantu ghal-procedura adoperata mill-espert nominat mill-Qorti Rimandanti, Joseph Mallia fejn l-istess espert gie mitlub jaghmel *comparison* bejn l-impronti digitali, mibghuta mill-Grecja flimkien mal-mandat t'arrest Ewropew u l-impronti digitali tar-rikorrenti. Dan il-punt huwa intrinsikament marbut mal-kwistjoni tal-identita tieghu, u dan stante illi l-Qorti ddecidiet illi l-persuna rikjesta hija l-istess persuna li ghandha quddiemha, anke a bazi tal-fatt illi fil-fehma tal-espert kien hemm *positive match*. Jigi spjegat illi l-appellant, permezz tas-sottomisjonijiet verbali tieghu waqt is-seduti quddiem il-Qorti, u kif ukoll permezz ta' rikors intavolat minnu fil-5 ta' Settembru, 2022, talab li r-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, tigi sfilzata, u dan flimkien ma kwalunkwe referenza ghaliha; izda pero, permezz tad-Digriet datat s-6 ta' Settembru, 2022 l-Qorti Rimandanti cahdet din l-eccezzjoni u tenniet illi minkejja l-fatt illi l-punti sollevati mid-difiza jisthoqqilhom '*approfondiment*', tenniet illi *'dan kellu jsir fil-forum appozitu w certament mhux quddiem Qorti Rimandanti li, wara li tiddeciedi dwar l-identita tal-persuna migjuba quddiema fuq bazi ta' probabbilita, ghandha l-funzjoni limitata ghad-decizjonijiet li trid tiehu kif kontemplat bir-regolamenti 12 u 13 tal-Ordni'*.

6. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti, permezz ta' Digriet datat is-6 ta' Settembru 2022, kif ukoll permezz ta' diversi osservazzjonijet maghmula minnha matul s-smigh tal-proceduri u kif ukoll permezz tad-Decizjoni moghtija minnha fid-9 ta' Settembru 2022, ghamlietha cara illi hija ma kenitx qed tqis li kellha l-obbligu li tara li jigu segwiti r-rekwiziti procedurali kemm fit-tehid tal-*fingerprints* u wkoll f'dak li jikkoncerna d-drittijiet fundamentali tal-bniedem waqt iz-zammu tieghu fil-habs il-Grecja, ghaliex dan kien jispetta lil qrati ta' gurisdizzjoni ohra;

7. Illi konsegwentement, r-rikorrenti intavola appell mid-decizjoni tal-Qorti Rimandanti, u permezz ta' sentenza datata s-sbatax (17) ta' Ottubru, 2022, il-Qorti tal-Appelli Kriminali, cahdet l-appell tar-rikorrenti u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Rimandanti, filwaqt li addottat l-istess ragunament taghha u *cioe* illi l-lanjanzi sollevati mir-rikorrenti jistghu biss jigu sollevati quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, stante illi fil-fehma taghha 'idejha

jinsabu marbuta stante li kif gie ritenut din il-Qorti m'ghandhiex kompitu li tiddeciedi f'dan ir-rigward. *L-obbligu mpost fuq il-Qorti Kriminali bl-Artikolu 16 tal-Att dwar 1-Estradizzjoni, rez applikabbli ghall-dawn il-proceduri bis-sahha tar-Regolament 25 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, kien ikun inutli, peress illi kieku kellhom dik is-setgha dak l-iskrutinju kienu jaghmluh huma stess u ma kienx ikun hemm il-htiega li jinfurmaw lill-persuna rikjesta bid-dritt taghha li tottjeni rimedji ulterjuri quddiem qrati ta' gurisdizzoni kostituzzjonali.*

A. Id-Dritt tar-Rikorrenti ghal-smiegh xieraq

1. Illi r-rikorrent umilment jemmen li l-fatt illi l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali ma dahlitx f'dawn il-materji, u minflok insistiet li dawn ghandhom jigu trattati minn Qorti ta' Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, huwa legalment skorrett u konsegwentement iledi d-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq. Illi tali attitudni li kella tigi adottata twassal ghal kollass totali tar-*rule of law*, fejn jithallew isiru ksur ta dritt fundamcntali bis-suppost pretest li dik l-qorti mhix ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali;

2. Illi f'kull sistema bbazata fuq r-*Rule of Law* l-funzjoni primarja tal-qrati hija li jassiguraw li MA JSIRX ksur ta' ligijiet inkluz kemm dawk dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem u kif ukoll dawk ta' natura procedurali, u ma jfissirx li ghax jezistu sezzjonijiet tal-qrati dedikati ghad-determinazzjoni ta' ksur ta' drittijiet kostituzzjonali, allura qrati ohra ghandhom ihallu ksur isehh sabiex imbaghad tkun qorti ohra li tiddikjara u taghti rimedju ghal dak il-ksur. Illi filfatt, r-rwol principali tal-Qrati huwa li ksur ma jsehhx u mhux li thalli ksur isehh sabiex umbghad tirrimedjah Qorti ohra. Illi kieku kien hekk, dan ikun l-ikbar travestija tal-gustizzja fejn qorti thalli ksur isehh quddiemha sempliciment ghax mhux l-qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali.

3. Kif intqal fis-sentenza Avotins v. Latvia deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar it-23 ta' Mejju 2016, (application no. 17502/07, para. 116.) Qorti li qed tapplika 1-ligi tal-Unjoni Fwropeja xorta wahda trid tindaga fuq id-drittijiet fundamentali tal-bniedem: '*In this spirit, where the courts of a State which is a Contracting Party to the Convention and a member State of the European Union are called upon to apply a mutual-recognition mechanism established by EU law, they must give full effect to that mechanism where the protection of Convention rights cannot considered manifestly deficient.* ***However, if a serious and substantiated complaint is raised before them to the effect that the protection of a Convention right has been manifestly deficient and that this situation cannot be remedied by European Union law, they cannot refrain front examining that complaint on the sole ground that they are applying EU law***.'

4. Jigi rilevat illi ghalhekk filwaqt li l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri tibqa' wahda importanti, il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet it-thassib taghha dwar il-fatt illi mekanizmi ta' rikonoxximent reciproku taht il-ligi tal-Unjoni Ewropeja ma jistghux jigu applikati b'mod mekkaniku u awtomatiku;

5. Illi jigi ribadit illi rikonoxximcnt reciproku bejn il-pajjizi m'ghandux ikun wiehed awtomatiku u bbazat fuq *blind trust*. Tant hu hekk illi meta fis-sentenza moghtija tal-kawzi maqghuda C-404/15 and C-659/15 PPU mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja li kellha bhala suggett talbiet ghal decizjoni skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (qorti regjonali superjuri ta' Bremen, il-Germanja), fil-proceduri dwar l-ezekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej il-Qorti sahqet hekk: *It follows from all the foregoing that the answer to the questions referred is that Article 1(3), Article 5 and Article 6(1) of the Framework Decision must be interpreted as meaning that where there is objective, reliable, specific and properly updated evidence with respect to detention conditions in the issuing Member State that demonstrates that there are deficiencies, which may be systemic or generalised, or which may affect certain groups of people, or which may affect certain places of detention, the executing judicial authority must determine, specifically and precisely, whether there are substantial grounds to believe that the individual concerned by a European arrest warrant, issued for the purposes of conducting a criminal prosecution or executing a custodial sentence, will be exposed, because of the conditions for his detention in the issuing Member State, to a real risk of inhumnn or degrading treatment, within the meaning of Article 4 of the Charter, in the event of his surrender to that Member State. To that end, the executing judicial authority must request that supplementary information be provided by the issuing judicial authority, which, after seeking, if necessary, the assistance of the central authority or one of the central authorities of the issuing Member State, under Article 7 of the Framework Decision, must send that information within the time limit specified in the request. The executing judicial authority must postpone its decision on the surrender of the individual concerned until it obtains the supplementary information that allows it to discount the existence of such a risk . If the existence of that risk cannot be discounted within u reasonable time, the executing judicial authority must decide whether the surrender procedure should be brought to an end*. Jigi rilevat illi ghalhekk il-principju ta' fiducja reciproka ossia mutual trust jaf ikun abbundament f'kazijiet eccezzjonali. Kif jghid il-gurista Koen Lenaerts: 'In this judgment, the CJEU ruled that the mutual trust principle may be – in principle- reviewable both when executing the Warrant for prosecution or custodial sentence purposes and, as a result, an execution of an EAW may be postponed/abandoned in an exceptional case **— thus recognising**

**that the «mutual trust (in the EU) must not be confused with blind trust»**.

6. Tant dan r-ragunament ikun travestija illi per ezempju l-procedura kollha penali quddiem il-qorti tal-magistrati hija manifestazzjoni kemm tad-dritt ghal smigh xieraq u ta' osservazzjoni rigoruza tal-procedura, liema l-Qorti tal-Magistrati tinfurzahom kontinwament minkejja li m' ghandiex gurisdizzjoni ta' natura kostituzzjonali;

7. Illi r-rule of law tezigi li d-drittijiet ma jinkisrux in the first place, u li r-regoli procedurali jigu osservati, u fil-fatt isir kull sforz biex ma jinkisrux, aktar milli sempliciment thalli ksur isehh u umbghad jigi rimedjat minn Qorti ohra;

8. Illi wiehed isaqsi per ezempju liema qorti tara li qed jinkisru d-drittijiet kostituzzjonali tal-akkuzat ghax ezempju ma jkunx assistit minn avukat u thalli dak il-ksur isehh quddiemha mbaghad jekk jidhirlu l-akkuzat imur fil-kostituzzjonal? Kjarament mhux biss dan r-ragunament ma jaghmilx sens izda ma jigrix fil-prattika ghaliex KULL QORTI li tara li jista jinkiser dritt fundamentali taghmel dak kollu possibbli biex dak il-ksur ma jsehhx;

9. Illi r-rimediu kostituzzjonali huwa biss rimedju eccezzjonali u ma jfissirx li ghax jista jezisti rimedju kostituzzjonal, allura qorti ghandha thalli ksur isehh:

10. Hija l-funzjoni ta' kull qorti ta’ gustizzja kriminali li tara li ma jsehhx ksur ta’ drittijiet fundamentali u tar-regoli procedurali quddiemha;

11. Illi l-Avviz Legali 276.05 filwaqt li ligi specjali ma joperax f’*vacuum* u ma jista’ qatt jissospendi l-applikabilita tal-principji procedurali kollha salvagwardji tal-procedura penali;

12. Illi l-funzjoni u l-priorita ta kull qorti hi li tassigura li ksur ta’ drittijiet fundamentali u dawk procedurali MA JSEHHX, u jkun biss fil-kaz estrem li xorta jsehh ksur, li wiehed ikun KOSTRETT jirrikorri ghal qorti kostituzzjonali;

13. Illi r-rimedju kostituzzjonali eventwali mhux pretest biex qorti ta' gurisdizzjoni kriminali taghlaq ghajneja ghal ksur ta’ drittijiet li jsehh quddiema. Kieku kien hekk jwassal ghal kollass tas-sistema ta’ gustizzja penali;

14. Illi wiehed jistaqsi liema qorti se tibghat jew tissentenzja persuna biex tinzamm f’facilita jew istituzzjoni fejn taf li jista jigi torturat sempliciment ghax jekk irid jista jmur quddiem il-qorti kostituzzjonali?

15. Illi kif gie rilevat fil-kawza Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (S 51) deciza millQorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem: 'In each case, the Court's primary concern is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole, and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident. **However, it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (ibid., § 250). In this connection, where a procedural defect has been identified, it falls to the domestic courts in the first place to carry out the assessment as to whether that procedural shortcoming has been remedied in the course of the ensuing proceedings, the lack of an assessment to that effect in itself being prima facie incompatible with the requirements of a fair trial according to Article 6 of the Convention.**'

Xi ezempji mill-Qorti ta' Strasburgu:

ECHR Bivolaru and Moldovan v. France - 40324/16 and 12623/17 (25/3/2021)

*Accordingly, the executing judicial auhority had had a sufficiently solid factual basis, deriving in particular from the Court's case-law, to establish the existence of a real risk to the applicant of being exposed to inhuman or degrading treatment on account of his conditions of detention in Romania, thus could not simply defer to the statements made by the Romanian authorities. The protection of fundamental rights had therefore been manifestly deficient, such that the presumption of equivalent protection was rebutted.*

*Secondly, the full potential of the mechanism provided for by EU law for supervising observance of fundamental rights, which the Court had recognised as affording equivalent human rights protection to that provided by the Convention, had to have been deployed.*
*The Court imposed an obligation on the national authorities to assess in concrete terms whether there was a real and individualised risk that the person concerned would be subjected to treatment contrary to Article 3 in the issuing State on account of his or her conditions of detention*.

Sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-25 ta' Lulju 2018 (talba ghal decizjoni preliminari mill-Hanseatisches Oberlandesgericht fi Bremen - il-Germanja) dwar l-ezekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew mahrug kontra ML Kaz Nru: C220/18 PPU;
*59* ***Accordingly, where the judicial authority of the executing Member State is in possession of information showing there to be a real risk of inhuman or degrading treatment of individuals detained in the issuing Member State, measured against the standard of protection of fundamental rights guaranteed by EU***

***law and, in particular, by Article 4 of the Charter, that judicial authority is bound to assess the existence of that risk when it is called upon to decide on the surrender to the authorities of the issuing Member State of the individual concerned by a European arrest warrant. The consequence of the execution of such a warrant must not be that that individual suffers inhuman or degrading treatment (judgment of 5 April 2016, Aranyosi and Căldăraru, C-404/15 and C-659/15 PPU, EU:C:198, paragraph 88).***

*77 In accordance with the case-law referred to in in paragraphs 61 to 66 of this judgment, the executing judicial authorities responsible for deciding on the surrender of a person who is the subject of a European arrest warrant must determine, specifically and precisely, whether, in the circumstances of a particular case, there is a real risk that the person will be subjected in the issuing Member State to inhuman or degrading treatment*.

*90 In the absence of minimum standards under EU law regarding detention conditions, it should be recalled that, as has already been held in the judgment of 5 April 2016, Aranyosi and Căldăraru (C-404/15 and C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, paragraph 90), Article 3 of the ECHR imposes on the authorities of the State in whose territory a person is being detained a positive obligation to satisfy themselves that a prisoner is detained in conditions which guarantee respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (ECtHR, 25 April 2017, Rezmives and Others v. Romania, CE:ECHR:2017:0425JUD006146712,§72).*

*92 In view of the importance attaching to the space factor in the overall assessment of conditions of detention, a strong presumption of a violation of Article 3 of the ECHR arises when the personal space available to a detainee is below 3 m$^2$ in multi-occupancy accommodation (EhtCR, 20 October 2017, Muršić v. Croatia, CE:ECHR:2016:1020JUD000733413, § 124).*

16. Illi ghalhekk il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali, kemm dik Rimandanti u kemm dik tal-Appell, naqset li tapprofondixxi l-argumenti tad-difiza. L-argumenti ma gewx evalwati u ma nghatat ebda decizjoni dwarhom fil-mertu taghhom, taht il-pretest illi dak huwa kompitu ta' Qorti ohra, u cioe dak tal-Qorti Kostituzzjonali. Huwa risaput li Qrati ordinarji ghandhom obbligu jharsu d-drittijiet sanciti fil-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti Kostituzzjonali (<u>Emanuela Brincat vs. Avukat Generali</u>) rrikonoxxiet tali manzjoni sovrastanti tal-Qrati Maltin:

*"… il-funzjoni tal-Qorti hi li tapplika l-liġi kollha tal-pajjiż, inklużi l-garanziji għad-drittijiet fondamentali ddikjarati u protetti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja u dana*

*preventivament qabel ma tavvera ruħha l-vjolazzjoni u anzi biex tippreveniha. Dan biex possibilment jiġi assigurat li dawn id-drittijiet ma jiġus ivvjolati*;"

**Illi fil-fehma tal-appellant dan jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;**

B. Id-dritt fundamentali li ebda persuna ma jkun suggett ghal Trattament Inuman jew Degradanti u n-Nuqqas illi l-Stat Grieg li jforni lil iStat Malti bil-Garanziji Mehtiega:

1. Illi lanjanza ohra ventilata mir-rikorrent hija inkwantu l-Istat Grieg naqas milli jforni l-garanzija mehtiega li ser jigu mharsa d-drittijiet fondamentali tieghu, fost ohrajn, id-dritt fundamentali sancit fil-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u dan minkejja l-fatt illi matul is-smiegh tal-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti, ir-rikorrenti sahaq illi l-Qorti ghandha tassikura ruhha illi dawn il-garanziji jaslu qabel ma l-Qorti tghaddi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrenti kellux jigi estradat lejn il-Grecja jew le;

2. Illi dan peress illi huwa fatt indiskuss li l-Stat Grieg huwa persistenti fit-trattament inuman u degredanti li jaghti l-priguniera. Filfatt, kif indikat diga aktar 'il fuq, minn ricerka estensiva li ghamel ir-rikorrenti stess, l-Istat Grieg ma ghandux rispett totali ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, fejn fil-habsijiet Griegi jirrizulta kemm *over crowding* qawwi ta' prigunieri fic-celel u kif ukoll abuzz ta' poter minn naha tal-Pulizija Ezekuttiva;

3. Illi minkejja li jezisti riskju kbir illi r-rikorrenti jista jigi suggett ghal trattament inuman u degradanti fil-habs fil-Grecja, u minkejja li dawn il-garanziji qatt ma waslu, l-Qorti Rimandanti xorta procediet bis-smiegh tal-proceduri;

4. Illi s-sentenzi tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fir-rigward huma univoci. Il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea tghid:

> *"The execution of a European arrest warrant must be deferred if there is a real risk of inhuman or degrading treatment because of the conditions of detention of the person concerned in the Member State where the warrant was issued."*

5. Illi real risk jehtieg jigi determinat permezz tal-*Aranyosi Test. L' Aranyosi Test* huwa maqsum fi tnejn. L-ewwel parti huwa ezami oggettiv u jehtieg jigi determinat b'dan il-mod (ibid):

> 89. *To that end, the executing judicial authority must, initially, rely on information that is objective, reliable,*

> *specific and properly updated on the detention conditions prevailing in the issuing Member State and that demonstrates that there are deficiencies, which may be systemic or generalised, or which may affect certain groups of people, or which may affect certain places of detention. That information may be obtained from, inter alia, judgments of international courts, such as judgments of the ECtHR, judgments of courts of the issuing Member State, and also decisions, reports and other documents produced by bodies of the Council of Europe or under the aegis of the UN.*
>
> 90. *In that regard, it follows from the case-law of the ECtHR that Article 3 ECHR imposes, on the authorities of the State on whose territory an individual is detained, positive obligation to ensure that any prisoner detained in conditions which guarantee respect for human dignity, that the way in which detention is enforced does not cause the individual concerned distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering that is inherent in detention and that, having regard to the practical requirements of imprisonment, the health and well-being of the prisoner are adequately protected (see judgment of the ECHR in Torreggiani and Others v. Italy, Nos 43517/09, 46882/09, 55400/09, 57875/09, 61535/09, 35315/10, and 37818/10, of 8 lanuary 2013, § 65).*
>
> 91. *Nonetheless, a finding that there is a real risk of inhuman or degrading treatment by virtue of general conditions of detention in the issuing Member State cannot lead, in itself, to the refusal to execute a European arrest warrant.*

6. It-tieni parti huwa wiehed suggettiv u jirrelata mal-kundizzjonijiet tal-inkarcerazzjoni tal-individwu partikolari, f'dan il-kaz, ir-rikorrent. Dan il-kwezit jigi determinat b'dan il-mod:

> *92 Whenever the existence of such risk is identified [real risk], it is then necessary that the executing judicial authority make a further assessment, specific and precise, of whether there are substantial grounds to believe that the individual concerned will be exposed to that risk because of the conditions for his detention envisaged in the issuing Member State.*

7. Tirrizulta evidenti ghalhekk li 1-lstat Malti huwa obbligat jitlob tali garanzija, specjalment meta *si tratta* talba ghal estradizzjoni minn stat bhal Grecja fejn jidher car li ma hemmx rispett totali ghad-drittijiet umani fil-habs;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent ghandu preokkupazzioni serja u gravi li l-estradizzjoni tieghu gewwa 1-Grecja u z-zamma tieghu fl-istess pajjiz ser twassal ghal lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu fit-termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikoli 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

C. Il-Procedura adoperata minn l-Espert inkwantu ghal *comparison* tal-*fingerprints*.

1. Illi fil-fehma tal-esponenti, u kif ser jigi spjegat f'aktar dettall hawn taht, l-procedura adoperata minn 1-espert fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu lilu moghti f'dik li hija *comparison* tal-impronti digitali, mhux wahda *safe and satisfactory* u ghalhekk 1-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali ma kelliex tistrieh fuqha biex tasal ghal konkluzzjoni illi 1-persuna rikjesta u 1-persuna li hija ghandha quddiemha huma 1-istess persuna, punt kardinali fejn tidhol il-procedura ta' estradizzjoni.

2. Illi konsegwentement, jezisti ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u 1-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Illi qabel xejn jigi spjegat illi b' Digriet tal-Qorti Rimandanti, datat it-23 t'Awwissu 2022, inhatar Joe Mallia bhala espert tal-impronti digitali, illi gie awtorizzat sabiex jirtira kopja tal-istess impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tar-rikorrenti u *cioe* d-dokumenti ezebiti fl-atti, quddiem il-Qorti Rimandanti u mmarkati bil-mod segwenti: FPX (kopja tal-formola tal-impronti digitali Griega) ta' Brakaj Bledar u kopja tal-formola tal-marki tal-pali tal-idejn (Griega) ta' Brakaj Bledar) u FPXI (mmarkat bhala kopja tal-formola tal-impronti digitali (Griega) ta' Hoxha Ashar u kopja tal-formola tal-marki tal-pali tal-idejn (Griega) ta' Hoxha Ashar) u kif ukoll id-dokumenti BLI (mmarkat bhala kopja tal-formola tal-impronti digitali ta' Brakaj Ledjon) u BL2 (mmarkat bhala kopja tal-formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Brakaj Ledjon);

4. Illi fis-seduta tad-29 ta’ Awwissu 2022, l-espert espleta l-inkarigu lilu moghti, irrelata bil-miktub, u b'hekk pprezenta r-rapport tieghu;

5. Illi meta wiehed jifli l-atti ta’ quddiem il-Qorti Rimandanti jirrizulta illi ma jezisti xejn illi possibilment jitfa' dawl fuq kif ittiehdu dak li jirrizulta mid-dokumenti mmarkati bhala FPX u FPX 1 u *cioe* l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn Griegi, meta ittiehdu, kif gew ppreservati, min hadhom, x' tip ta' salvagwardji ittiehdu, xi

procedura giet ad operata, xi procedura specifika intuzzat u jekk hux b'metodu xjentifiku rikonnoxut, minn fejn gew elevati u x'kontaminazzjoni seta' kien hemm fost l-ohrajn u jekk skont kif jiddettaw ir-regoli tal-procedura fejn tidhol evidenza li ghandha tingieb quddiem il-Qorti;

6. Illi in oltre, jinghad illi mill-atti processwali lanqas ma jirrizulta kemm ilhom li gew elevati dawn il-*fingerprints*;

7. Illi di piu, jigi rilevat illi d-dokumenti ezebiti fir-rigward tal-impronti digitali mal-Mandat t'Arrest Ewropew huma bil-lingwa Griega u ma hemm l-ebda traduzzjoni taghhom fl-atti ghall-Malti jew ghall-Ingliz b'mod li la l-partijiet f'dawn il-proceduri u lanqas il-Qorti ma tista' tifhem il-kontenut;

8. Illi jigi rilevat ulterjorment illi f'pagna 24 tar-rapport tieghu, ezebit quddiem il-Qorti Rimandanti, l-espert ghamel referenza ghal dokument FBX **liema dokument ma jezistix fl-atti**. Fl-istess pagna 24 tar-Rapport, minkejja illi l-espert iqis illi "*jirrizulta illi l-marka tal-pala tal-id ix-xellugija ... hija nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni defenittiva peress li ghanda bosta mill-partijiet neqsin, ohrajn imzelgin, b'eccess ta' linka u l-fotokopja li hija stampata fuqha hija ta' kwalita' fqira*" fl-istess rapport jikkonkludi, f'pagni 26 u 27 illi l-impronti digitali u dawk tal-pali tal-idejn huma pozittivament identici!;

9. Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, kif jekk marka hija nieqsa mill-punti karatteristici minhabba diversi fatturi, xorta wahda jista' jinghad per konkluzjoni illi l-impronti digitali u tal-pali tal-idejn huma identici minghajr ebda rizerva jew eccezzjoni?

10. In oltre, f'pagna 3 u 4 tar-rapport, l-espert ikkonkluda illi l-impronti "Gew klasifikati permezz tal-Henry System". Illi jigi rrilevat illi l-Henry System hija sistema ta' klassifikazzjoni fejn il-marki tas-swaba' jigu ikklassifikati skont il-karatteristici taghhom b'sistema numerizzata sabiex jigu ikkumparati marki ta' swaba' differenti. Pero' din it-tip ta' sistema hija wahda **antika u rari tintuza' illum il-gurnata**: *'The Henry fingerprint classification system is seldom used today, but it may have been used to classify fingerprints in cases of unidentified persons in years past. Because it might still be encountered, familiarity with it is prudent'*.

11. Illi mhux talli s-sistema adoperata hija arkajika, talli wkoll ir-rapport tal-espert ma jindika bl-ebda mod kif sar l-ezami komparattiv u l-*modus operandi* u t-teknika uzata minnu sabiex l-espert wasal ghall-konkluzjonjiet illi wasal ghalihom;

12. Illi in fatti skont l-espert tal-forensika Amerikan John R. Vanderkolk, fil-ktieb Fingerprint Sourcebook jigi spjegat illi l-metodu ta' **analizi, komparizzazzjoni, evalwazzjoni u verifikazzjoni maghruf ahjar bhala (ACE-V) huwa l-metodu stabbilit kif ezaminazzjoni ta'**

**fingerprints issir**. Huwa jghid: *'The examination method of analysis, comparison, evaluation, followed by verification (ACE-V) is the established method for perceiving detail in two prints and making decisions. A thorough understanding of the sufficiency threshold within the method is essential.* ***Merely arriving at a predetermined, fixed mathematical quantity of some details of a friction ridge impression (i.e., point counting) is a simplistic and limited explanation for why two prints originated from the same unique and persistent source or originated from different unique and persistent sources.***'

13. Illi jekk il-metodu operattiv kien limitat ghal **analizi vizwali** ma jistax jinghad illi dan huwa wiehed essenzzjalment korrett stante li m'huwiex bizzejjed illi espert fil-metodu ta' analizi mhuwiex bizzejjed li espert jghmel analizi biss fuq ghajnejh stante il-*human error* li tista' tqarraq u ma taghtix rizultat preciz;

14. Illi in fatti kulma jindika l-espert fir-rapport tieghu f'pagna 27, ezebit quddiem il-Qorti Rimandanti huwa illi "*qieghed jipprezenta faxxikolu fotografiku flimkien ma' rapport tekniku ta' kif wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu*" u meta jigi biex jiddentifika 1-impronti jghid illi huma tal-ghamla "*whorl*", "*ulnar loop*", "*twinned loop*".

15. Illi kif jispjega l-espert tal-forensika sucitat, "*whorl*" u "*loop*" huma biss tabelli generici u hemm bzonn isir ezami iktar akkurat qabel ma wiehed jasal ghall-konkluzzjoni ta' jekk dawn l-impronti jaqblux jew le: ***'Whorls, loops and arches, ending ridges, bifurcations, and dots are some of the generic labels used to generally describe the morphological structures of friction ridges and the details in prints. Examiners need to be attentive to the actual uniqueness of the features of the ridge and not allow the use of generalized descriptive labels to diminish the examiner's understanding of the actual value of the feature****. If an examiner is looking for just ridge endings or bifurcations, the examiner might only see a ridge that ends or bifurcates. Conversely, if an examiner looks for the overall inherent morphology of the ridge, the shapes and dimensions of the ridge, where it starts, the path it takes, where it ends, the widths, the edges, the pore positions, and the morphology of the neighboring ridges, the examiner will become more perceptive of the details within the prints. Pattern formations in nature can never be completely described through the use of commonly labeled unique features [Grieve, 1990, p 110; Grieve, 1999; Vanderkolk, 1993].*'

16. **Illi ghar-ragunijiet indikati, ir-rikorrenti talab illi l-Qorti Rimandanti tordna l-isfilz tar-rapport redatt minn l-espert, izda l-Qorti cahdet din it-talba wkoll**;

17. Illi ghalhekk, in succint jinghad illi fl-umli fehma tar-rikorrenti jezisti dubju serju fuq il-mod kif l-espert wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu u dan stante illi l-procedura adoperata minnu ma hijiex wahda *safe* u

li l-Qorti setghet ragonevolment tistrieh fuqha biex tasal ghal konkluzjoni dwar l-identita tal-persuna rikjesta u **dan ukoll iwassal ghal ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. **TIDDIKJARA** illi ir-rikorrenti, sofra qed isofri jew x'aktarx ser isofri lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu hekk kif sanciti fl-Artikolu 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-Artikolu 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. **TAKKORDA** rimedju effettiv u taghti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti xierqa u necessarji sabiex jigu sanciti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tal-esponent kif hawn fuq indikat."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali (l-intimati) tal-11 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. "Illi din il-kawża kostituzzjonali tirrigwardja lanzjana li qajjem ir-rikorrent b`rabta mal-proċeduri ta` estradizzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Kurl Ryan Farrugia) vs. Ledjon Brakaj** li ġew deċiżi definittivament b` sentenza datata 17 ta Ottubru 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. F`dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat u ordnat: it treġġigħ tal-estradant *qua* rikorrent lejn il-Greċja kif mitlub mill-awtoritajiet ġudizzjarji Griegi skont il-Mandat ta` Arrest Ewropew u ż-żamma ta` l-estradant taħt kustodja sakemm huwa jitreġġa lura lejn il-Greċja;

2. Illi r-rikorrent jallega li *`qed isofri jew x`aktarx ser isofri leżjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu`*.Huwa jirreferi għad-dritt tas-smigħ xieraq hekk kif sanċit fl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** u **fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta**. Jirreferi wkoll għal-projbizzjoni tat-tortura a tenur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u għal protezzjoni minn trattament inuman **a tenur tal-artikolu 36 tal Kostituzzjoni ta` Malta;**

3. Illi l-esponenti qegħdin *tramite* din ir-risposta jirrispinġu l-allegazzjonijet tar-rikorrent u l-pretensjonijiet marbutin magħhom *stante* li dawn huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi ibda biex, jiġi eċċepit li l-proċeduri ta` estradizzjoni intemmu u huma konsiderati bħal *res judicata*. Għalhekk permezz tal-kawża odjerna r-rikorrent ma jistax jerġa jiftaħ il-mertu tal-estradizzjoni

tiegħu. Kif ser jiġi muri fil-kors tas-smigħ ta` din il-kawża, l-Qrati Maltin ta' ġurisdizzjoni kriminali esprimew ruħhom dwar l-estradizzjoni tar-rikorrent. Għalhekk il-mertu dwar jekk ir-rikorrent għandux jiġi estradit lejn il-Greċja jew le huwa għal kollox eżawriet propju għaliex l-ordni tal-Qorti għat-treġġigħ lura tar rikorrent lejn il-Greċja huwa wieħed finali;

5. Illi għalhekk bid-dovut rispett, l-esponenti jeċepixxu illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tillimita ruħha sabiex tara u tiddeċiedi biss jekk hemmx ksur tal-jeddijiet fundamentali nvokati mir-rikorrent fir-rikors promotur u tiddeklina milli tagħmilha ukoll ta` Qorti ta` Appell, jew tat-Tielet jew tar-Raba` Istanza dwar il-proċeduri ta` estradizzjoni. Kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana, din l-Onorabbli Qorti kif adita m`hijiex Qorti ta` reviżjoni u dan peress li m`hijiex il-funzjoni tagħha li tiddeċiedi jekk Qrati oħra ddeċidewx il-kawżi sew jew le, iżda biss jekk tali proċeduri u deċiżjonijet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali tal individwu;

6. Illi l-esponenti jeċepixxu wkoll in-nuqqas ta` applikabbilita` tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta** u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** u dan peress li fil-kuntest ta` persuna ai termini ta` Mandat ta` Arrest Ewropew, ma tiġi determinata l-ebda akkuża kriminali in konfront tal-persuna konċernata;

7. Illi r-rikorrent qed jallega li quddiem il-Qorti Rimandati ma kellux smigħ xieraq għaliex dik il-Qorti ma daħlitx f`materji li qajjem f`dik l-istanza għaliex qieset li tali kwistjonijet *semmai* kellhom jitqajmu fil-forum opportun. Ir-rikorrent qajjem il-materja li tirrigwardja t-teħid ta` impronti diġitali mill-espert nominat mill-Qorti Joseph Mallia sabiex jagħmel eżami komparattiv mal-*fingerprints* li bagħtu l-awtoritajiet Griegi. Huwa jilmenta wkoll minn allegat tortura u trattament inuman u degradanti jekk ir-rikorrent jintbagħat l-Greċja minħabba l-istat ħażin tal-ħabsijiet Griegi;

8. Illi l-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta** ċitat mir-rikorrent jipprovdi *li `kull meta xi hadd ikun akkuzat b`reat kriminali huwa ghandu, kemm il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b`ligi*. L-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** jmur oltre` jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċess li b`xi mod seta jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent, u ma jirriżulta minn imkien li b`xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijet mogħtija bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta`Malta** u bl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;**

9. Illi f` dan ir-rigward jingħad ukoll li: (a) l-proċeduri kollha inżammu u ġew determinati minn qorti ndipendenti u mparzjali;(b) ir-rikorrent għandu aċċess għall-qorti; (c) is-smigħ kollu sar fil-preżenza tar-rikorrent; (d) il-partijiet ġew trattati b`mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent ingħata l-opportunita kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel;(f) r-rikorrent dejjem kien megħjun mill-avukati tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri; u (g) ir-rikorrent ingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;

10. Illi l-funzjoni u l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti huma imfissra fil-**Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05** li hija il-lex *specials* f`każijiet ta` estradizzjoni abbażi ta` Mandat ta` Arrest Ewropew. Din il-liġi tirregola speċifikatament il-parametri legali u proċedurali li għandha tosserva l-Qorti Rimandati meta jkun hemm proċeduri ta` estradizzjoni liema proċeduri huma deskritti bħala *sui generis* għaliex huma bbażati fuq id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta` Ġunju 2002. L-iskop ewlieni u aħħari wara l-ħolqien tal-mandati t`arrest ewropej kien wieħed li jassikura speditezza u mill-anqas burokrazija fit-twettieq ta' deċiżjonijiet tal-Awtoritajiet Ġudizzjarji fit-territorju tal-Unjoni Ewropeja fir-rigward tar-ritorn ta` persuni rikjesti u li jkunu jinstabu fit-territorju Ewropjew li għall-fini tal-koperazzjoni ġudizzjarja. Dawn il-prinċipji huma msejsa fuq il-kunċett tal-fiduċja reċiproka li għandu jsaltan bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej u l-istati membri Ewropej li għażlu fis-sovranita tagħhom li jillimitaw l-istess sovranita u jagħtu spinta lil fiduċja reċiproka fl-Awtoritajiet Ġudizzjarji Reċiproċi;

11. Illi fil-każ odjern il-Qati Rimandanti osservaw skrupolożament dak li tipprovdi l-liġi u ordnaw it-treġġigħ lura tal-estradant *qua* rikorrent lejn il-Greċja propju b`ħarsien totali tas-salvagwardji proċedurali li jgawdi r-rikorrent;

12. Illi jingħad ukoll li r-rikorrent ma jistgħax jippretendi li l-Qorti Rimandanti tistħarreġ u tippronunzja ruħha dwar lanzjani kostituzzjonali li seta qajjem quddiemha ġaladarba r-**regolament 25 tal-L.S.276.05** moqri flimkien mal-**artikolu 16 tal-kap 276** jagħti l-jedd lil estradat illi,jekk jidhirlu li *xi wahda mid disposizzjonijet tal-artikolu 10(1) u (2) tkun giet miksura jew li xi disposizzjoni tal-kostituzzjoni ta`Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija,tkun giet jew x`aktarx tkkun se tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta` kustodja, hija ghandha jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-kaz;*

13. Illi l-Qrati għarrfu lir-rikorrent bil-jeddijiet kollha li għandu skont il-liġi inkluż jekk jidhirlu li jfittex rimedju kostituzzjonali kif imsemmi fil-paragrafu 11 u għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-allegat ksur tal-**artikolu 39 tal-kostituzzjoni ta` Malta** u tal-**artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropeja**,l-esponenti jeċepixxu illi r-rikorrent ma ġarabx preġudizzju fil-proċeduri tiegħu.

14. Illi taħt il-lanjanza ta` allegat nuqqas ta`smigħ xieraq ir-rikorrent qed jilmenta ukoll dwar il-proċedura adoperata mill-espert tal-Qorti li tqabbad sabiex jagħmel eżami komparattiv bejn l-impronti mibgħuta mill-awtoritajiet Griegi u dawk tar-rikorrent. L-intimati huma tal-fehma li ċertu eċċezzjonijet li tqajmu preċedentement rigward il-jedd għal-smigħ xieraq japplikaw ukoll għal dan il-gravam tar-rikorrent;

15. Illi b`żieda ma dak li diġa intqal, l-esponenti jirrilevaw li wieħed mir-rekwiżiti essenzjali li jrid jiġi deċiż f`kull proċedura ta` estradizzjoni huwa Ii l-Qorti Rimandanti tiddeċiedi jekk il-persuna li tinġieb quddiemha tkunx il-persuna li dwarha ikun inħareġ il-mandat ta` arrest Ewropew u din l-kwistjoni trid tiġi deċiża skont il-**bilanċ ta` probbiltajie**t kif jipprovdi ir-**Regolament 10(3) tal-Ordni**. Meta r-rikorrent tressaq b`arrest quddiem il-Qorti Rimandanti fl-20 t`Awwissu 2022 waħda mill-kwistjonijiet li kellha tiddeċiedi dik il-Qorti kienet propju dwar l-identita` tar-rikorrenti kif jirrikjedi ir-**regolament 10 tal-ordni**. F`dik l-istanza l-Qorti kienet sodisfatta dwar l-identita`tar-rikorrent tant li ddekretat li *il-Qorti wara li rat l-artiklu 10(3) tal-legislazzjoni Sussidjarja 276.05 hija sodisfatta mid-dokumenti pprezentati illi l-persuna migjub quddiemha huwa l-persuna fil-konfront ta`min inhareg il-Mandat t`Arrest Ewropew mertu ta` dawn il-proceduri.* Dan sussegwentament ġie ikkonfermat kemm mill-istess Qorti Rimandanti ppresjeduta mill-Maġistrat Donatella Frendo Dimech bid-digriet data 6 ta`Settembru 2022 u kif ukoll kkonfermata fl-appell mill-Qorti tal-Appell Kriminali.Dan qiegħed jingħad sabiex jiġi enfasizzat il-fatt li l-Qorti Rimandanti ma kellhiex in-neċessita`skont il-liġi li tordna li jsir din l-analiżi tal-fingerprints u dak li sar, fejn tqabbad l-esperti Joseph Mallia biex jagħmel din l-analiżi, kien **ex abundanti cautela**. Fi kwalunkwe każ,antika kemm hija antika s-sistema li juża l-espert Joseph Mallia, il-konklużjoni tiegħu kienet li l-*fingerprints* mibgħuta mill-awtoritajiet Griegi u dawk tal-estradant qua rikorrent kienu jaqblu;

16. Illi in kwantu r-rikorrent jallega ksur tad-drittijiet fundamentali protetti bl- **artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja** u tal-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta**,l-esponenti jissottometti li l-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja** kif ukoll l-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta** jipprovdu *threshold* gholja li trid tiġi sodisfatta sabiex jiġi konkluż li huwa nġust li persuna rikjesta minn awtorita` estera tiġi rimandata fl-Istat rikjedent. Illi bir-rispett kollu, fir-rikors promotur,

għalkemm insibu ħafna allegazzjonijiet ma nsibu xejn sostanzjat li b`xi mod jista` jissodisfa t-*threshold* rikjest minn dawn l-artikoli konvenzjonali u kostituzzjonali iżda r-rikorrent jistrieħ kompletament fuq rapport li r-rikorrent jireferi għalihom barra mill-kuntest fejn jislet partijiet minnhu b`mod l-aktar selettiv u li ma jirrispekkjax dak li fil-fatt hija s-sitwazzjoni rejali;

17. Illi kemm l-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja** kif ukoll l-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni** jipprovdu li sabiex tista` tinstab vjolazzjoni ta` dawn l-artikolu, ir-rikorrent jkun qed jiffaċċja riskju rejali u mhux mera possibilita`. Illi fil-kawża fl-ismijiet *Vilvarajah and others v. United Kingdom* (1991) il-Qorti Ewropeja osservat illi "*the decision by a Contracting State to extradite a fugitive may give rise to an issue under Article 3,and hence engage the responsibility of that State under the Convention, where substantial grounds have been shown for believing that the person concerned, if extradited, faces a real risk of being subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment in the requesting country"*. Il-każ ta Vilvarajah kien jitratta persuni minn Sri Lanka li kienu jappartjenu għall-moviment Tamil u li kienu qegħdin jallegaw riskju ta` trattament ħażin in vjolazzjoni ta` l-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja** da parti tal-Istat minħabba l-kunflitt li kien hemm bejn il-Gvern ta`Sri Lanka u t-Tamil Liberation Movement. F`dak il-każ, l-applikanti ma kienux ingħataw stat ta` ażil u ġew ritornati lejn Sri Lanka. Il-Qorti Ewropeja ma kienitx sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u dan peress illi s-sitwazzjoni fi Sri Lanka kienet tjiebet u riskju li kien fadal ma kienx kunsidrat li kien suffiċjenti sabiex jistabilixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

18. Illi fil-kawża fl-ismijiet R v. *Denmark(*1991), il-Kummissjoni wara li għamlet riferenza għall-rapporti magħmula minn Amnesty International, xorta waħda kkonkludiet li ma kienx jikkostitwixxi trattament inuman li ċittadin Iranjan jiġi deportat lejn l-Iran fuq il-bażi tas-sitwazzjoni ġenerali li kien hemm fil-pajjiż;

19. L-interpretazzjoni ta` 'trattament degredanti` mogħtija mill-Qorti Ewropeja hija fis-sens li dan it-trattament ikun intiż sabiex jumilja lill-persuna (The Greek case-1969). L-istess kien intqal fil-kawża fl-ismijiet *Abdulaziz,Cabales and Balkandali* v. UK- 1985;

20. Illi minn dawn il-pronunzjamenti jidher biċ-ċar li r-rikorrent mhuwiex ġustifikat fl-ilment tiegħu. Il-ħabsijiet tal-Greċja bħal kull reġim karċerarju ieħor, jħaddan sistema ta` protezzjoni kemm għall-individwu pre *se* kif ukoll għal kumplament tas-soċjeta` in ġenerali. Il-fatt li f`ħabs, kif huwa xieraq, ikun hemm sistema ta` sigurta` bl-ebda mod ma jfisser li persuna tiġi assoġġettata għal trattament krudili jew inuman jew degredanti;

21. Illi kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża odjerna,il-ħabsijiet tal-Greċja liema Stat huwa Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja kif ukoll fil-Kunsill Ewropew, jħaddan sistema karċerarja li tirrispetta l-garanziji li joffru l-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni;**

22. Illi jsegwi għalhekk li l-lanjanzi kollha tar-rikorrent mhumiex mistħoqqa u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

23. Salv eċċezzjonijet ulterjuri jekk ikun il-każ."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Qrat ix-xhieda kollha wara li ġew allegati l-atti kollha tal-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija -vs- Ledjon Brakaj".

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Inħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Rimandanti sabiex jiġi ċedut lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Griegi in konnessjoni ma' allegati rejati kommessi mir-rikorrent fi Greċja lura fis-sena 2017 konsistenti f'allegati rejati ta' omiċidju volontarju, serq aggravat segwit bi vjolenza u bi ħruq b'perikolu għall-ħajja.

**2.** Waqt li kienu għaddejjin dawn il-proċeduri, talab lill-Qorti sabiex issir talba lill-Awtoritajiet Griegi biex jipprovdu garanzija li r-rikorrent mhux ser ikun assoġettat fil-ħabs fejn ser jinżamm għall-għemil li jkun inuman u degradanti u dan fid-dawl li l-ħabsijiet Griegi huma effetti minn affollament

ta' priġunieri f'ċella waħda u kif ukoll għall-għemil abbużiv mill-Pulizija. Ir-rikorrent għid li minkejja li dawn il-garanziji qatt ma waslu, l-ewwel Qorti xorta pproċediet bid-deċiżjoni tagħha.

**3.** Ai fini ta' fatti rilevanti għall-proċeduri odjerni huwa importanti li jiġu senjalati s-segwenti:

i. Fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2022 l-uffiċjal Prosekutur jiddikjara li wara li ttieħdu kampjun tal-fingerprints tal-imputat irrisulta li dawn jikkombaċċjaw mal-fingerprints mibgħuta mill-Awtoritajiet Griegi. Id-difiża rrilevat li jekk il-prosekuzzjoni ser tistrieħ fuq tali prova kien jispetta lilha ġġib l-istess prova. U di piu' anke mid-dokumenti esebiti mill-istess prosekuzzjoni, inkluż fis-*Schengen Information System* u fil-Form A hemm multipliċita' ta' ismijiet li jnisslu dubbju serju dwar l-identita' tal-persuna li tagħha qed jintalab it-treġġiegħ lura (a' fol 41).

ii. Fis-seduta tat-23 ta' Awwissu 2022 il-Qorti nnotat li l-M Form (li magħha huma annessi il-finger prints u l-palm prints tal-estradant), ix-Schengen Id Number huwa identitiku għal dak fuq il-Form A u Allert (a fol 43). F'din is-seduta, il-Qorti ħasset li kellha tispjega li ordnat li jsir eżerċizzju komparattiv tal-impronti ma' dawk mibgħuta mill-awtoritajiet barranin, fid-dawl tad-dikjarazzjoni li għamlet id-difiża dwar il-multipliċita' ta' ismijiet fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2022.

iii. Fis-seduta tat-23 ta' Awwissu 2022 id-difiża issollevat, li bil-mod kif kienu ser jerġgħu jittieħdu l-impronti ser ikun miksur id-dritt taħt artikolu 39(6)(b) tal-Kostituzzjoni li jiddisponi li kull min ikun akkużat b'rejat kriminali għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu. Iżda l-Qorti fakkret li f'dawn il-proċeduri ma hemm ebda persuna akkużata (a' fol 44). B'dana kollu f'dik is-seduta r-rikorrent xorta qabel li jagħti l-impronti diġitali tiegħu.

iv. Fis-seduta tad-29 ta' Awwissu 2022 id-difiża talbet li l-Qorti tordna li l-Awtoritajiet Griegi jagħtu garanzija li r-rikorrent mhux ser ikun soġġett għal trattament inuman u degredanti (a' fol 68). F'din is-seduta l-espert imqabbad mill-Qorti xehed li l-eżami kien fil-posittiv u ċioe' li l-impronti diġitali jaqblu u għalhekk huma tal-istess persuna (ara rapport konklużjoni a' fol 72 u 97). F'dan ir-rapport l-espert tal-Qorti għid li dawn ġew klassifikati permezz tal-Henry system (a' fol 74 u 75).

v. L-Awtoritajiet Griegi nformaw li li għar-rejati kommess ta' omiċidju l-piena hija ta' għomor il-ħabs. Qalu ukoll li sakemm idum arrestat ser jinżamm fil-ħabs ta' Korydallos u jista' jkun li jintbagħat f'xi ħabs ieħor biex jiskonta s-sentenza (a' fol 159).

vi. Il-Qorti tal-Maġistrati tat provvediment finali tagħha fid-9 ta' Settembru 2022 u ordnat li r-rikorrent qua estradant għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiegħ lura tiegħu lejn

il-Greċja. Minn dik l-ordni r-rikorrent interpona appell għal quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali b'Imħallef wieħed u b'deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru 2022 ċaħdet l-aggravji kollha sollevati minnu u kkonfermat l-ordni appellata.

**4.** Ir-rikorrenti issa għamel il-proċedura odjerna għaliex qiegħed għid li għadd ta' drittijiet fundamentali tiegħu qed ikunu miksura.

**Punti ta' Liġi**

**5.** Ir-rikorrent qiegħed jilmenta mill-fatt li bl-ordni ta' estradizzjoni ossia ċessjoni tiegħu lill-awtoritajiet Griegi ser ikunu miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa mill-artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni u artikoli 63 u 39 tal-Kostituzzjoni. Fi ftit kliem ir-rikorrent qiegħed jinsisti, li ma ngħatax smiegħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u li bit-treġġiegħ lura lejn il-Greċja ser ikun qiegħed isofri trattament inuman u degradanti prinċipalment minħabba l-istat ħażin tal-ħabsijiet Griegi fost oħrajn affollament inaċċettabbli ta' priġunieri f'ċella waħda.

**Konsiderazzjonijiet**

**6.** Qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tmiss il-mertu jkun utli li fil-qosor tagħmel rikapitulazzjoni tal-iskop tal-mandat ta' Arrest Ewropej u dan mingħajr ħafna ħela ta' kliem fid-dawl tat-tagħlim diġa spjegat *ex-abbundantia*, kemm mill-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq imsemmija.

**7.** Jibda biex jingħad, li proċeduri bħal din li hija fiha nnifisha partikolari ħafna għaliex dan ix-xorta ta' mandat isostitwixxa l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri. Bl-introduzzjoni tiegħu, inħoloq mekkaniżmu li ma jiddependiex minn konsiderazzjonijiet politiċi iżda fuq proċess ġudizzjarju ankrat fil-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji.

**8.** Huwa minnu, li kif għid ir-rikorrent, il-prinċipju ta' fiduċja ma jimpurtax affidament għami (*blind trust*) għaliex din il-fiduċja reċiproka għandha tkun mibnija fuq ir-rispett ta' għadd ta' prinċipji fundamentali, li toħroġ kemm mil-liġi u kif ukoll minn prinċipji li huma l-fondament tal-esistenza tal-Unjoni Ewropeja li hija kostruwita fuq ir-rispett lejn l-integrita' ta' kull individwu bħala bniedem (ara art 4 tat-Trattat TEU).

**9.** Huwa minnu pero', li dan ix-xorta ta' mandat kien ta' attrazzjoni għall-kritika minn għadd ta' studjużi u akkademiċi fuq il-materja. Minħabba f'hekk ġie spjegat li l-kunċett ta' "mutual trust" ma għandux jiġi konfuż mal-kunċett ta' "blind trust" bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej (**Il-Pulizija vs John Spiteri deċiża nhar l-20 ta' Settembru, 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminal**).

**10.** Minn naħa l-oħra, l-anqas ma dan ifisser, li dak li jkun joqgħod ifittex ix-xagħra fl-għaġina jew id-dubbiena proverbjali fil-kus taż-żejt b'mod li jkun qiegħed jostakola u jistultifika l-iskop li għalih ġie introdott dan il-mandat: li jiżra' fiduċja bejn is-sistemi diversi ġudizzjarji u li l-

vertenza ma tieħux it-tul ta' żmien kif kien jiġri taħt is-sistema l-antika. Għalhekk, għalkemm il-Qorti ma tistax tibqa' għaddejja bħal romblu taż-żrar minn fuq l-estradant, lanqas min-naħa l-oħra ma huwa permessibbli għal dan tal-aħħar, li joqgħod jitfa' ż-żraben fir-rota biex kollox jistaġna.

**11.** Propju b'ħarsien tad-drittijiet tal-persuna, l-ewwel obbligu tal-Qorti huwa dak li tiddeċiedi dwar jekk ir-reat imsemmi fil-mandat ikunx reat ta' estradizzjoni. Jekk jirriżulta li dan ikun reat ta' estradizzjoni, isegwi li għandha tiddeċiedi li jekk it-treġġiegħ lura tal-persuna fil-pajjiż skedat huwiex pprojbit minħabba r-regola ta' *ne bis in idem*, l-età tal-persuna jew amnestija.

**12.** Il-Qorti tista' wkoll tirrifjuta li teżegwixxi t-treġġigħ lura tal-persuna lejn il-pajjiż skedat jekk it-treġġigħ lura ikun ipprojbit minħabba: (a) preskrizzjoni jew l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien; (b) speċjalità; (ċ) l-estradizzjoni preċedenti tal-persuna lejn Malta minn pajjiż skedat ieħor; u (d) l-estradizzjoni preċedenti tal-persuna lejn Malta minn pajjiż li mhuwiex pajjiż skedat.

**13.** Skond l-Artikolu 13(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 jekk il-Qorti tiddeċiedi li t-treġġigħ lura ta' dik il-persuna m'huwiex ostakolat minn xi waħda mir-raġunijiet imsemmija u l-persuna tiġi akkużata bl-għemil tar-reat ta' estradizzjoni iżda ma jiġix allegat li tkun instabet ħatja diġa għal xi reat u tkun qed tiġġerra barra, il-persuna akkużata tinżamm taħt kustodja

fi stennija għat-treġġigħ lura tagħha lejn il-pajjiż skedat fejn ikun inħareġ il-mandat (Ara 13.(1)).

**14.** Għalhekk stabbilit il-prinċipji ġenerali tal-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, jmiss issa li jkunu trattati l-ilmenti tar-rikorrent. Dawn jistgħu ikunu issomati f'żewġ kategoriji ta' ksur: (a) In-nuqqas jew defiċjenza fl-għarfien tal-identita' tar-rikorrent b'rabta mat-talbiet tal-Awtoritajiet Griegi u r-rejati allegatament kommessi minnu fi Greċja u (b) li fid-dawl tal-istat tal-ħabsijiet Griegi kif fuq spjegat, jekk ir-rikorrenti jitreġġa' lura u jinżamm fihom, ser ikun assoġettat għal trattament inuman u degradanti.

**15.** Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tittratta dan ir-rikors fl-ordni tal-ilmenti kif appena msemmija. Pero' l-Qorti tibda biex tissottolineja li l-eżerċizzju li trid tagħmel fl-indaġini tar-rikors ma għandux ikun wieħed li jirrendiha t-tielet istanza ta' appell. Li jrid ikun unikament eżaminat huwa l-aspett legali tal-ilmenti kif impustati mir-rikorrent.

*<u>Identita' tal-Persuna</u>*

**16.** Ma hemm ebda dubbju li fi proċeduri bħal dawn, li l-Qorti għandha tistabilixxi li l-identita' tal-persuna li jkollha quddiemha hija l-istess waħda fir-rikjesta domandanti fir-rigward tar-rejati li qed ikunu addebitati. Dan huwa eżerċizzju kardinali. Dan anke jemerġi ċar minn artikolu 13(2) (ii) tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta, li jobbliga lill-Qorti tistabilixxi l-

partikolaritajiet tal-persuna li t-treġġigħ lura tagħha jkun mitlub, magħdud tagħrif biżżejjed biex jiġu stabbiliti l-identità u n-nazzjonalità tagħha; (Ara ukoll reg 5(5) tal-L.S 276.05).

**17.** Fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2022 il-Qorti il-Maġistrati, presjeduta minn Maġistrat differenti, qalet hekk *"Il-Qorti wara li rat l-artikolu 10(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 hija sodisfatta mid-dokumenti ppresentati illi l-persuna migjuba quddiemha huwa l-persuna fil-konfront ta' min inhareg il-Mandat t'Arrest Ewropew mertu ta' dawn il-proceduri"* (a' fol 41). Minkejja li l-identita' kienet stabbilita, il-Qorti tal-Maġistrati diversament presjeduta, osservat li fid-dawl tal-oġġezzjonijiet magħmula mir-rikorrent dwar il-mod kif ittieħdu l-impronti diġitali kien jistħoqq li dawn jkunu rieżaminati u qalet hekk:

"*Il-Qorti kkunsidrat li fil-bidu tas-seduta tal-lum diga ordnat li dawn l-impronti ghandhom jittiehdu w jigu komparati ma dak mibghuta mill-awtoritajiet barranin. Iktar minn hekk din l-ordni saret wara li l-Qorti ikkunsidrat li kienet id-difiza stess li fis-seduta tal-20 t' Awwissu, 2022 quddiem din il-Qorti diversament preseduta, qajmet il-kwistjoni li finger prints ma kienux esebiti w iddikjarat li 'fil-Form A hemm multiplicita' ta' ismijiet li jnisslu dubju serju dwar l-identita' tal-persuna li taghha qed jintalab it-treggih lura' (fol. 41)*

*Ghalhekk sabiex din il-Qorti jkollha s-serhan il-mohh minkejja li l-kwistjoni tal-identita' tal-estradant giet sorvolata fis-seduta precedenti, ma tarax li*

*ghandha tisma sottomissjonijiet ulterjuri fuq poter esplicitu moghti lill-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali kif kontemplati bl-artikolu Artiklu 544(2) tal-Kodici Kriminali."*

**18.** Fil-fatt, fil-bidu ta' dik is-seduta il-Qorti kienet diġa' ħatret lil Joseph Mallia biex iwettaq eżerċizzju komparattiv tal-impronti diġitali. Issa kif osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali, dik il-Qorti tal-Maġistrati għamlet aktar milli setgħet, għax setgħet faċilment straħet għal kollox fuq l-ewwel dikjarazzjoni tal-Qorti. B'dana kollu, biex żgur ikollha is-serħan tal-moħħ, u ċertament mhux fl-interess tagħha iżda tar-rikorrent, ħatret perit ieħor. Dan għamlitu, minkejja li n-numri tal-Karta tal-identita' kienu l-istess u ċ-ċirkostanzi kollha l-oħra, jindikaw lir-rikorrent huwa l-istess bniedem.

**19.** L-espert imqabbad mill-Qorti xehed li l-eżami komparattiv kien lest u kien fil-posittiv u ċioe' li l-impronti diġitali jaqblu u għalhekk huma tal-istess persuna (ara rapport konklużjoni a' fol 72 u 97). F'dan ir-rapport l-espert tal-Qorti għid li dawn ġew klassifikati permezz tal-*Henry system* (a' fol 74 u 75).

**20.** Ir-rikorrent irrikorra għall-isfilz ta' dawn il-konklużjonijiet għar-raġunijiet li jemerġu mill-inkartament tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u din it-talba ġiet miċħuda.

**21.** Ir-rikorrent qiegħed jinsa, li art 10 tal-Liġi, jiddisponi li l-Qorti għandha tiddeċiedi jekk il-persuna li tinġieb quddiemha tkunx il-persuna li dwarha -(a) ikun inħareġ il-mandat imsemmi fis-subartikolu (1)(a), jew (b)

ikun inħareġ il-mandat imsemmi fl-artikolu 9(3). Il-qorti għandha tiddeċiedi l-kwistjoni fis-subartikolu (2) skond bilanċ tal-probabbiltajiet. Jekk il-qorti tiddeċiedi billi tiċħad il-kwistjoni fis-subartikolu (2), il-qorti għandha tordna l-ħelsien ta' dik il-persuna. Jekk il-qorti tiddeċiedi billi tilqa' dik il-kwistjoni, hija għandha tmexxi taħt l-artikolu 11. Minn hawn jemerġi, li hija l-liġi stess li tistabilixxi l-grad ta' konvinzjoni li jrid ikollha l-Qorti u f'dawn il-proċeduri r-rikorrent ma hux jattakka l-provvedimenti ta' din il-liġi, iżda l-apprezzament li għamlet il-Qorti tal-ilmenti li ressaq quddiemha.

**22.** Fost oħrajn ir-rikorrent qiegħed jattakka l-mod kif ittieħdu l-impronti diġitali u jargumenta li l-*Henry System* huwa metodu arkajku u għalhekk mhux ta' min jistrieħ fuqu. Imma dak li mhux jifhem ir-rikorrent hu, li din il-Qorti ma hiex wahda ta' appell jew reviżjoni u dan kif senjalat akatr 'l fuq. Ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tidħol fl-indaġini teknika ta' kif ġew elevati l-impronti diġitali. Dak li trid tara din il-Qorti huwa, jekk ir-rikorrent kellux il-garanziji proċedurali intatti biex jingħata tassew is-smiegħ xieraq.

**23.** Għalhekk il-Qorti eżaminat l-atti u ma sabet ebda difett proċedurali li jilledi l-prinċipju ta' smiegħ xieraq fis-sens ġenerali li jirribadixxu anke is-Sentenzi tal-QEHD. L-awturi josservaw li "*The right of a fair hearing, which is one such Convention right, has, as its wording suggests, ben interpreted as providing only a procedural and not a substantive guarantee*." (ara **Harris, O'Boyle and Warbrick , Law of the European Convention On Human Rights, 4$^{th}$ ed pg 374**).

**24.** Ma hux qed ikun allegat li l-Maġistrat huwa proċeduralment minsus, kemm oġġettivament jew suġġettivament. Ma hemm xejn fil-proċess kollu li jindika defiċjenzi ta' natura proċedurali li jinċidu fuq id-drittijiet tar-rikorrent li jkun mismugħ jew li ma jkunx assistit minn avukat tal-għażla tiegħu. Fi ftit kliem ir-rekwiżiti għall-proċess ta' smiegħ xieraq taħt artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni huma kollha rispetatti.

**25.** Di fatti t-tieni nomina ta' espert saret għaliex il-Qorti semgħet lir-rikorrent. Di pju', ma kien hemm xejn xi jżomm lir-rikorrent milli jressaq il-provi tiegħu inkwantu jirrigwarda l-impronti digitali. Seta' jitlob li dawn jiġu eżaminati minn espert tiegħu biex jirribatti jew jikkonfuta r-rapport tal-espert tal-Qorti.

**26.** Apparti dan kollu, ġie kemm-il darba ribadit li sa fejn jirrigwarda estradizzjonijiet jew iċ-ċessjoni ta' persuna lil Stat ieħor:

"*Procedures for the expulsion of aliens do not fall under the criminal head of Article 6, notwithstanding the fact that they may be brought in the context of criminal proceedings* (**Maaouia v. France [GC], 2000, § 39**). *The same exclusionary approach applies to extradition proceedings* (**Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), 2002**) *or proceedings relating to the European arrest warrant* (**Monedero Angora v. Spain dec, 2008).**

**27.** Pero' f'dawn il-proċeduri, l-applikazzjoni ta' art 6 tista' tqum inkwantu jirrigwarda allegazzjoni li l-persuna ma jkunx ser ikollha smiegħ xieraq fil-pajjiż rikjedenti. Di fatti intqal hekk:

"*According to the Court's case-law, however, an issue might exceptionally arise under Article 6 as a result of an extradition or expulsion decision in circumstances where the individual would risk suffering a flagrant denial of a fair trial, i.e. a flagrant denial of justice, <u>in the requesting country</u>. This principle was first set out in Soering v. the United Kingdom (1989, § 113) and has subsequently been confirmed by the Court in a number of cases (**Mamatkulov and Askarov v. Turkey [GC], 2005, §§ 90- 91; Al-Saadoon and Mufdhi v. the United Kingdom, 2010, § 149; Ahorugeze v. Sweden, 2011, § 115; Othman (Abu Qatada) v. the United Kingdom, 2012, § 258**)*." (Emfażi tal-Qorti)

**28.** Issa minn eżami tar-rikors, ir-rikorrent ma hux għid dan. L-ilment tar-rikorrent hu, li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati lokali ma ngħatax smiegħ xieraq u mhux li ser ikun imċaħħad minn smiegħ xieraq quddiem il-Qorti Griega. L-ilment tiegħu, sa fejn jirrigwarda l-Istat Grieg, huwa limitat għal fatt li ser ikun qiegħed jiġi assoġettat għal trattament inuman u degradanti b'referenza għall-artikoli 3 u 36 tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament.

**29.** Ir-rikorrent jilmenta ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati messha tat piż l-ilmenti ta' natura Kostituzzjonali u ħadet konjizzjoni tagħhom.

**30.** Iżda artikolu 13.(1) tal-Liġi jillimita s-setgħat ta' dik il-Qorti. Tista' tikkonsidra biss li tiċħad it-talba għat-treġġigħ lura tal-persuna, f'każ li jkun jidhrilha li jesistu r-raġunijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Il-ksur ta' dritt fundamentali ma hux wieħed minn dawn. Għal darba il-Qorti tfakkar li r-

rikorrent ma hux jattakka dik il-parti tal-liġi li torbot idejn il-ġudikant iżda il-mod kif il-ġudikant applika l-liġi. Għalhekk f'dan is-sens, din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni magħmula fis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Krminali meta qalet hekk:

"*Din il-Qorti tiehu b'serjeta' kbira dawn it-tip ta' vertenzi li jikkoncernaw allegatament ksur tad-drittijiet tal-bniedem izda idejha jinsabu marbuta stante li kif diga' gie ritenut din il-Qorti m'ghandiex kompitu li tiddeciedi f'dan ir-rigward. L-obbligu impost fuq il-Qrati Kriminali bl-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bis-sahha tar-regolament 25 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, kien ikun inutli, peress li kieku kellhom dik is-setgha dak l-iskrutinju kienu jaghmluh huma stess u ma kienx ikun hemm il-htiega li jinfurmaw lill-persuna rikjesta bid-dritt taghha*" (Emfażi).

**31.** Tant kemm dan huwa minnu, li kull ma tista' tagħmel hu, li tattira l-attenzjoni tal-persuna għad-drittijiet kostituzzjonali u protokollari tiegħu. F'dan is-sens, meta persuna tintbagħat f'kustodja skont l-artikolu 15, "*il-qorti għandha, barra milli tgħarrafha li ma tkunx se titreġġa' lura qabel ma jgħaddu ħmistax-il jum mid-data tal-ordni ta' kustodja u li, ħlief fil-każ li tinbagħat taħt kustodja biex tistenna li titreġġa' lura taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(5), hi tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali, tgħarrafha wkoll illi, jekk jidhrilha li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) u (2) tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi*

*miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti, hija għandha jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-kaz."* Minn eżami tal-Qorti tal-Appell Kriminali dan l-avviż ingħata lir-rikorrent u forsi kien ikun desiderabbli li ngħata ukoll fis-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Fil-fatt, bir-rikors odjern ir-rikorrent ġie quddiem din il-Qorti.

**32.** Għalhekk fir-rigward tal-ilment tar-rikorrent li kellu d-drittijiet tiegħu kif imħarsa mill-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament leżi, ser ikun miċħud.

L-artikoli 36 u 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament

**33.** Irid qabel xejn jiġi puntwalizzat, li din il-Qorti ma għandhiex tkun influwenzata mill-gravita' tar-rejati li jkunu qegħdin jiġu addebitati lill-persuna li tkun qed tintalab li treġġa' lura lejn il-pajjiż ieħor. Orrendi kemm huma orrendi r-rejati fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, ma għandhomx jiddeterminaw kif għandu jkun trattat il-persuna tenut kont tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Deċiżjoni qatt ma għandha tingħata *ad hominem*.

**34.** Il-Qorti ħasbet fit tul dwar dan l-ilment. Din il-Qorti hija gwidata mill-prinċipju, li ma għandhiex tittollera "*pre-trial or post trial punishment*" ta' natura straġudizzjarja, fil-konfront ta' persuna li tkun għadha għaddejja

proċess u ma ngħatatx Sentenza ta' ħtija u kif ukoll wara li tingħata s-Sentenza. Is-Soċjeta' titlob ġustizzja u mhux vendetta, orribbli kemm ikun orribli r-rejat li jkun allegat li twettaq.

**35.** Mid-deċiżjoni ta' **Aranyosi and Căldăraru** nibet dak l-hekk imsejjaħ "*Aranyosi-test*" fejn awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stati Membri li jridu jeżegwixxu Mandat t'Arrest Ewropew għandhom:

i. Jaraw jekk hemmx riskju reali ta' trattament inuman jew degredanti minħabba l-kundizzjonijiet ġenerali ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti. Dan jista' jsir billi jiġu evalwati sentenzi domestiċi u Ewropew f'dan ir-rigward, kif ukoll jiġu studjati rapporti u dokumenti oħra tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Ġnus Magħquda;

ii. Fejn jiġi identifikat riskju, issir valutazzjoni individwali sabiex tiddetermina l-probbabilta' tal-akkużat li jkun espost għal tali riskju. L-istati Membri li jkunu ġew mitluba jeżegwixxu Mandat t'Arrest Ewropew għandhom jitolbu l-informazzjoni supplimentari meħtieġa mill-Istat Membru li qed jagħmel it-talba ta' treġġiegħ, dwar il-kundizzjonijiet fejn l-akkużat ikun ser ikun detenut. Sussegwentament fejn ikun jesisti r-riskju, dan l-Istat ikun obbligat li jgħaddi l-informazzjoni neċessarja lill-awtorita' ġudizzjarja tal-Istat li jkun mistenni jeżegwixxi l-mandat.

**36.** Il-kwistjoni kollha hi, l-mod kif ser ikun stabbilit li tassew jesisti jew jista' jkun li jesisti dan ir-riskju.

**37.** Dan ma jfissirx li dan l-eżerċizzju kellha tagħmlu l-Qorti tal-Maġistrati, għaliex dak li huwa importanti mhux wisq minn min għandu jsir l-eżami, iżda li jkun jesisti l-mekkaniżmu legali opportun għal dan il-għan. Kif osservajna, skond il-liġi tagħna, il-Qorti tal-Maġistrati ma tistax tagħmel interventi Kostituzzjonali, ħlief fejn hija mogħtija s-setgħa li tista' tagħmel kif spjegat aktar 'l fuq.

**38.** L-importanti, li l-istat li qiegħed jintalab li jreġġa' lura lill-persuna, jipprovdi l-għodod legali neċessarji biex tkun tista' issir indaġini dwar dan ir-riskju. Għal dak li jirrigwarda r-reġim legali Malti, dawn l-għodod insibuhom f'artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Bis-saħħa tagħhom persuna tista' tipproċedi quddiem il-Prim Awla biex tibgħat ir-rimedju li jkun effettiv sabiex ma jkunx hemm il-leżjoni ta' dritt fundamentali tal-Bniedem, f'dan il-każ l-artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.

**39.** Il-Qorti eżaminat b'reqqa d-dokumenti mibgħuta mill-Awtoritajiet Griegi u f'wieħed minnhom jingħad hekk:

"*Also in case that the person is surrendered to Greece, will be temporary kept under custody in the Prison of Kordyllos, until the case is tried, he may be transferred to an other penitentiary in Greece, to further serve any sentence imposed…"* (a' fol 159).

**40.** Kwantu jirrigwarda dan il-ħabs partikulari ingħad hekk:

"*As regards prisons, far too many prisoners continue to be held in conditions that represent an 'affront to their human dignity'. Urgent steps to reduce overcrowding at Korydallos Men's and Thessaloniki Prisons, both operating at over 140% of their official capacity, are required.*

*Most wings at Korydallos Men's Prison were severely overcrowded with poor material conditions; for instance, up to seven persons in a 9.5m² cell containing filthy mattresses and blankets, infested with bed bugs and with mould on the walls and ceiling. The conditions in certain sections such as Special Area C at Korydallos Men's Prison (where up to five prisoners were held in cells of only 6m²), and the unsupervised disciplinary unit at Nigrita Prison, can easily be considered to amount to inhuman and degrading treatment*" (Ara **paġna 5 tar-rapport Council of Europe's Committee for Prevention of Torture and Inhuman Treatment or Punishment 2022** emfażi tal-Qorti).

**41.** Fir-riċerka tagħha il-Qorti sabet ukoll li sa fejn jirrigwarda dan il-ħabs partikulari "*Amnesty International and other human rights bodies such as the Committee for the Prevention of Torture have repeatedly expressed concern about the prison for its overcrowding and inhumane treatment of detainees.* (**Greece: Conditions of Detention in 2001 International Helsinki Federation for Human Rights 2002-03-19 *u* Amnesty International Report 2008-01-01*. Archived* from the original on 2018-11-22**; Emfażi tal-Qorti). Di piu', l-istat meskin tal-ħabsijiet fi

Greċja ta' ankeclok għall-mistoqsija parlamentari fil-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni (a' fol 177).

**42.** Issa mill-bran ċitat aktar 'l fuq jirrisulta, li r-rikorrent ser jinżamm f'dan il-ħabs u jista' jkun li jibqa' fih anke biex jiskonta eventwali sentenza li ser tkun ta' waħda għall-għomor il-ħabs. Iżda apparti dan, ir-rikorrenti esebixxa għadd ta' dokumenti meħuda mill-media li kollha jikkonfermaw kemm l-istat inuman tal-ħabsijiet Griegi u kif ukoll ta' dan il-ħabs partikolari (ara dokumenti esebiti b'nota a' fol 174). F'każ simili il-ECHR kellha dan xi tgħid:

"*The Court finds the applicant's conditions of detention, in particular the severely overcrowded and insanitary environment and its detrimental effect on the applicant's health and well-being, combined with the length of the period during which the applicant was detained in such conditions, amounted to degrading treatment".* **(Kalashkinov -svs Russia tal-15 ta' Lulju 2002).**

**43.** Issa meta l-Qorti tara dan kollu, l-anqas tista' ma titħassibx dwar dan l-ilment partikulari tar-rikorrent. Aktar u aktar li minkejja li talabha, qatt ma waslet ebda garanzija mill-Istat Grieg fir-rigward ta' kif ser ikun trattat ir-rikorrent u dan minkejja li fis-seduta tad-29 ta' Awwissu 2022 ir-rikorrent talab hekk:

"*In oltre titlob li jintbaghtu s-salvagwardji fis-sens li tinghata garanzija lill-Awtoritajiet Maltin li, f'kaz ta' treggija lura lejn il-Grecja, id-drittijiet tal-persuna mibghuta jigu garantiti u cioe' li l-Awtoritajiet Maltin jkollhom il-Garanziji mill-Istat Grieg li jigu osservati protetti u garantiti d-drittijiet fundamentali tal-persuna rikjesta partikularment ikun hemm garanzija li ma jigix suggett ghal inhuman and degrading treatment"* (a' fol 68).

**44.** L-unika ħaġa li hemm fl-atti huwa d-dokument mibgħut mill-Awtoritajiet Griegi datat 30 ta' Awwissu 2022 fejn kull ma qalu f'dan ir-rigward huwa dan:

"*Regarding the prevailing conditions of detention in the country's penitentiaries, the Department of Detention and Transfer Matters if the Ministry of Citizen Protection is responsible, and we are currently unable to provide you with the requested information. We will update you with our new correspondence"* (a' fol 153).

**45.** Dan id-dokument ma jirrisolvi xejn anzi jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti hi, fid-dawl ta' dikjarazzjoni bħal din li garanzija mitluba hija essenzjali. Din id-dikjarazzjoni hija biss tidwir mal-lewża, għaliex hi x'inhi l-organizazzjoni inter-dipartimentali fi Greċja, Stat ma' Stat dan it-tagħrif, hu x'inhu, messu wasal lill-Qorti Maltija, altrimenti ma hux minnu li qiegħed ikun applikat il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka. B'dana kollu din il-Qorti ser tkun qed tagħti opportunita' waħda biex l-awtoritajiet Griegi

jibgħatu din il-garanzija u fin-nuqqas din il-Qorti tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi parzjalment r-rikors bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-ewwel talba** inkwantu ma ssibx li kien hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrent kif imħarsa minn artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament, iżda kwantu jirrigwarda l-ksur tal-artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni rispettivament, f'dan l-istadju qed tastjeni milli tipprovdi definittivament dwar din il-parti tat-talba, u tordna lill-intimati sabiex fi żmien tlett (3) xhur jottjenu garanzija ċara u univoka mingħand l-Awtoritajiet Griegi,  li jekk ir-rikorrent jitreġġa' lura lejn Greċja u jkun miżmum f'ħabs, dan ma jkunx assoġettat għal trattament inuman u degradanti, fis-sens kif jissemma' fl-artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament.

Għalhekk ir-rikors qiegħed ikun differit għall-informazzjoni ulterjuri fid-dawl ta' din id-deċiżjoni parzjali u dan sabiex il-Qorti tkun tista' tipprovdi għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem tar-rikorrent kif imħarsa minn artiklu 36 u 3 tal-kostituzzjoni rispettivament jekk ikun il-kaz.

Spejjes ta’ din il-proċedura riservati għal meta l-Qorti tkun provvediet finalment fuq it-talbiet kollha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**